# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021.**

**Kawża Nru. 23**

**Rik. Nru. 233/13JRM**

John *sive* Johann **SAID**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) ssib li kien hemm negozjati bejnu u l-Kummissarju mħarrek għall-ħruġ ta' permess u liċenza biex iwaqqaf u jħaddem ċirku fuq il-Fosos tal-Furjana, liema negozjati kienu waslu fi stat avvanzat; (ii) issib li l-imġiba tal-Kummissarju mħarrek jew tar-rappreżentant tiegħu, ħolqu aspettativa leġittima fl-attur li l-liċenza fuq imsemmija kienet se tinħareġ; (iii) issib li l-imġiba tal-Kummissarju mħarrek tikkostitwixxi aġir illegali u ksur kuntrattwali bejn il-partijiet u tnissel responsabbilita` ta' danni pre-kontrattwali li tirrendi lill-imħarrek responsabbli għad-danni; (iv) tillikwida d-danni mġarrba, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit

imqabbad mill-Qorti; u (v) tikkundanna lill-Kummissarju mħarrek iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Marzu, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-15 ta' April 2013, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Jikkuntesta d-data meta l-attur ressaq it-talba tiegħu lill-Kummissarju bħala dik ta' Lulju, 2012 u mhux Jannar, 2012, kif qed jinsinwa l-attur. Jgħid li l-premess ta' *information booth* inħareġ mill-awtorita` kompetenti (il-Kunsill Lokali) suġġett għall-ħruġ tal-permess relattiv taċ-ċirku fil-post mitlub mill-attur. Żied jgħid li l-attur ma kellu ebda dritt awtomatiku għall-ħruġ ta' liċenza jew permess u, bħala persuna midħla ta' dan it-tip ta' negozju, kien jaf bil-ħtieġa li jinġiebu l-"*clearances*" kollha, inkluż dak mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta, qabel ma seta' jippretendi li l-permess jnħareġ. Saħaq li hu ma jistax jitgħabba bl-ebda responsabbilità għat-tħejjijiet li l-attur għamel u r-rabtiet li daħal għalihom ma' terzi. Temm jgħid li hu mexa mal-proċedura stabbilita u għaldaqstant l-imġiba tiegħu fl-ebda ħin ma kienet irraġonevoli, illegali jew abbużiva;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2014[3], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tat-30 ta' Jannar, 2015[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju mħarrek tat-13 ta' April, 2015[5], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġġ. 24 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 117 tal-proċess
[3] Paġ. 384 tal-proċess
[4] Paġġ. 385 sa 393 tal-proċess
[5] Paġġ. 396 sa 407 tal-proċess

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba wara nuqqas ta' ħruġ ta' liċenza mill-Kummissarju mħarrek biex jittella' ċirku f'post pubbliku magħżul. L-attur jgħid li bejnu u bejn l-Kummissarju kienu għaddejjin negozjati li kienu waslu fi stat avvanzat meta, f'ħin bla waqt, ġie mgħarraf li t-talba tiegħu ġiet miċħuda minħabba oġġezzjoni mqajma minn awtorita` pubblika oħra. L-attur jgħid li, sa dak il-waqt, kollox kien juri li t-talba tiegħu kienet se tintlaqa' u ħoloq fih 'aspettattiva leġittima' li l-permess se jingħata. Minħabba ċ-ċaħda, huwa ġarrab danni u telf kemm minħabba r-rabtiet li daħal fihom ma' terzi li kellhom iġibu ċ-ċirku f'Malta u kif ukoll fil-fama tiegħu ta' imprenditur, minbarra f'telf ieħor imġarrab. Jitlob għaldaqstant kumpens mingħand l-imħarrek u l-ispejjeż;

Illi min-naħa tiegħu, il-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Jikkuntesta d-data meta l-attur ressaq it-talba tiegħu lill-Kummissarju bħala dik ta' Lulju, 2012 u mhux Jannar, 2012, kif qed jinsinwa l-attur. Jgħid li l-permess ta' *information booth* inħareġ mill-awtorita` kompetenti (il-Kunsill Lokali) suġġett għall-ħruġ tal-permess relattiv taċ-ċirku fil-post mitlub mill-attur. Żied jgħid li l-attur ma kellu ebda dritt awtomatiku għall-ħruġ ta' liċenza jew permess u, bħala persuna midħla ta' dan it-tip ta' negozju, kien jaf bil-ħtieġa li jinġiebu l-"*clearances*" kollha, inkluż dak mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta, qabel ma seta' jippretendi li l-permess jinħareġ. Saħaq li hu ma jistax jitgħabba bl-ebda responsabbilita` għat-tħejjijiet li l-attur għamel u r-rabtiet li daħal għalihom ma' terzi. Temm jgħid li hu mexa mal-proċedura stabbilita u għaldaqstant l-imġiba tiegħu fl-ebda ħin ma kienet irraġonevoli, illegali jew abbużiva;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur huwa imprenditur imdaħħal fil-qasam ta' attivitajiet ta' divertiment, fosthom it-tnedija ta' spettakli għall-pubbliku. F'xi żmien matul l-2012 kellu l-ħsieb li jarma ċirku għal żmien il-Milied fil-parkeġġ ta' ħdejn il-Fosos tal-Furjana, bejn it-12 ta' Diċembru 2012 u s-6 ta' Jannar 2013, għal liema attivita` kien meħtieġ permess mill-Kummissarju mħarrek. Hu kien nieda u ngħata l-permess għal attivita` bħalha fil-Milied ta' qabel fl-imsemmi post u, fi snin oħrajn qabel, fi bnadi oħra wkoll[6];

Illi f'Jannar 2012[7], l-attur wera x-xewqa mal-Kunsill Lokali tal-Furjana li jerġa' jtella' dik l-attivita` fl-istess imkien. Fid-19 ta' Ġunju, 2012[8], il-

[6] Affidavit tal-attur f'paġ. 43 tal-proċess
[7] Dok. "JS1" f'paġ. 46 tal-proċess
[8] Dok. "JS2" f'paġ. 47 tal-proċess

Kunsill għarraf lill-attur li ma kellu ebda oġġezzjoni sakemm, fost oħrajn, iħallas garanzija fl-ammont ta' elf, mija u ħamsa u sittin euro (€1,165) u tinġieb l-approvazzjoni mingħand l-Awtorita` responsabbli mit-trasport pubbliku (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Awtorita`"). L-attur ressaq talba formali mal-Awtorita` f'dawk il-jiem[9];

Illi fit-22 ta' Ġunju, 2012[10], Said ħallas lill-Kunsill tal-Furjana l-garanzija mitluba. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Lulju, 2012[11], talab lill-Kummissarju joħroġlu l-permessi għaċ-ċirku f'dak il-post bejn it-12 ta' Diċembru ta' dik is-sena u s-6 ta' Jannar tal-2013. F'Awwissu, 2012[12], il-Kummissarju bagħat jinforma b'din it-talba lil numru ta' entitajiet fosthom, lill-Awtorità, lill-Kummissarju tal-Artijiet u lill-Awtorità responsabbli mill-iżvilupp u ippjanar. Il-Kummissarju talab lill-attur biex, kemm jista' jkun malajr, iġib il-"*clearances*" meħtieġa mid-Dipartimenti konċernati[13];

Illi l-attur jew rappreżentant tiegħu attendew għal numru ta' laqgħat mar-rappreżentant tal-Kummissarju biex jiddiskutu l-mod kif kienet se tittella' din l-attivita`[14];

Illi wara talba mressqa mill-attur, fis-17 ta' Settembru, 2012, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta awtorizzah jarma *information booth* f'Bieb il-Belt[15] bejn l-1 ta' Novembru, 2012 sas-6 ta' Jannar, 2013[16], biex jirreklama ċ-ċirku. Għal darb'oħra, il-ħruġ ta' dan il-permess kien suġġett għall-awtorizzazzjoni li kellha tinġieb minn entitajiet oħra. F'Settembru l-Kummissarju qabel mat-talba u awtorizza lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex jingħata l-permess għall-*booth* taħt għadd ta' kundizzjonijiet[17];

Illi sadattant, f'Settembru[18], il-Kummissarju bagħat "*reminder*" lill-entitajiet konċernati sabiex jgħarrfuh bil-pożizzjoni tagħhom dwar it-talba tal-attur. Bosta mill-entitajiet[19] urew li ma kellhomx oġġezzjoni għat-talba tiegħu, għajr l-Awtorita` li bagħtet id-deċiżjoni tagħha lill-Pulizija fl-20 ta' Settembru, 2012[20]. Ir-raġuni wara r-rifjut kienet marbuta mat-tħassib li wriet il-komunita` tas-sidien tal-ħwienet fil-Belt dwar l-impatt li din l-attivita` kien ser ikollha fuq il-parkeġġ fi żmien il-festi tal-Milied[21]. Il-Kummissarju għaldaqstant bagħat

[9] Dok. "JS4" f'paġ. 49 tal-proċess
[10] Dok. "JS3" f'paġ. 48 tal-proċess
[11] Dokti. "JS5" u "AC" f'paġġ. 50 u 277 tal-proċess
[12] Dok. "AM2" f'paġ. 174 sa paġ 197 tal-proċess
[13] Dok. "AM2" f'paġ. 173 tal-proċess
[14] Ara paġġ. 63 – 6 tal-proċess
[15] Dok. "JS7" f'paġ. 67 tal-proċess
[16] Dok. "JS7" f'paġ. 69 tal-proċess
[17] Dok "B", f'paġġ. 8 – 10 tal-proċess
[18] "Dok. AM2" f'paġġ. 198 sa 211 tal-proċess
[19] Aradokti. "JSF9" u "JS11" f'paġġ. 79 – 80 u 88 – 89 tal-proċess
[20] Dok "CP1", f'paġ. 141 tal-proċess
[21] Dok. "JS17" f'paġ. 97 tal-proċess

jgħarraf b'dan lill-attur b'ittra tat-18 ta' Novembru, 2012[22], u tennielu l-istess fehma f'ittra tal-21 ta' Novembru, 2012[23];

Illi fl-istess żminijiet, l-attur kien qed jikkomunika maċ-"*Circo Orfei*" u jġib l-informazzjoni meħtieġa biex jgħaddiha lill-*Environment Protection Officer* fi ħdan l-Awtorita` responsabbli mill-iżvilupp u ippjanar[24];

Illi wara li l-Kummissarju irrifjuta t-talba, l-attur ressaq appell mir-rifjut quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzji tal-Pulizija (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal"), li b'deċiżjoni tal-14 ta' Novembru, 2012[25], irrakkomanda li l-Kummissarju joħroġ il-permess meħtieġ sabiex l-attivita` mitluba mill-attur tittella' ġewwa l-Furjana. Il-Kummissarju mħarrek ma laqax ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal[26] għaliex, sadattant, il-Kabinett tal-Ministri approva *policy* li l-Fosos tal-Furjana ma kellhomx jiġu ngumbrati minn operat ta' ċirku[27];

Illi fit-23 ta' Novembru, 2012, l-attur ressaq talba quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex, fost oħrajn, jordna lill-Kummissarju joħroġ il-permess meħtieġ sabiex l-attivita` tkun tista' tittella'. It-Tribunal laqa' it-talba tal-attur permezz ta' sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012[28];

Illi l-Kummissarju appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Diċembru, 2012[29], l-appell intlaqa' u ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva;

Illi, sadattant, iċ-Ċirku wasal f'Malta u l-bhejjem u t-tagħmir inżammu x-xatt sakemm jingħatalhom ħjiel fejn kellhom jinħattu. Ġara, iżda, li dakinhar li kellu jinfetaħ iċ-ċirku, il-vetturi u t-tagħmir ittieħdu fuq il-Fosos u ngumbraw il-post. L-attur kien arrestat għal xi ħin, minħabba li ma riedx joqgħod għall-ordnijiet tal-Pulizija biex ineħħi l-ingombru minn hemm[30]. Minħabba dak li seħħ, fit-12 ta' Diċembru, 2012[31], l-attur talab u ngħata l-permess meħtieġ sabiex seta' jintrama ċ-Ċirku qrib iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid[32]. Il-permess inħareġ u ċ-ċirku taħt l-isem ta' "*Circo d'Arix*" intrama f'dak l-imkien minn dakinhar stess u nżamm miftuħ sas-6 ta' Jannar,

[22] Dok "Ċ", f'paġ. 11 tal-proċess
[23] Dok. "JS15" f'paġ. 95 tal-proċess
[24] Dok. "JS10" f'paġġ. 81 – 6 tal-proċess
[25] Dokti. "JS13" u "AM" f'paġġ. 91 – 2 u 150 – 1 tal-proċess
[26] Dok. "JS16" f'paġ. 96 tal-proċess
[27] Dokti. "JS18" u "AM1" f'paġġ. 98 u 152 tal-proċess
[28] Dok. "JS19" f'paġ. 99 sa 114 tal-proċess
[29] "Dok. KP2" f'paġġ. 294 sa 307 tal-proċess
[30] Xhieda tal-A.K. Neville Aquilina f'paġġ. 336 – 7 tal-proċess
[31] Dok "Ġ", f'paġ. 18 tal-proċess
[32] Ara affidavi tal-attur f'paġ. 45 tal-proċess. Ara wkoll Dok "Ġ" f'paġġ. 19 – 21 tal-proċess

2013. L-attur intalab iħallas lid-Dipartiment tal-Artijiet sebat elef euro (€7,000)[33] biex tħalla jarma ċ-Ċirka fuq art pubblika li dwarha nħareġ il-permess imsemmi. Huwa xehed li kull meta tħalla jarma ċ-ċirku fil-Floriana, qatt ma ntalab iħallas tal-użu tal-art, imma biss li jressaq il-garanzija lill-Kunsill Lokali tal-post[34];

Illi fis-7 ta' Frar, 2013[35], l-attur interpella b'ittra uffiċjali lill-Kummissarju sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba minnu;

Illi billi l-imħarrek baqa' ma wettaqx dak li talbu, fit-8 ta' Marzu, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ, il-Qorti tara li l-attur jibni l-każ tiegħu fuq il-qafas tar-rabta pre-kontrattwali: huwa jgħid li l-Kummissarju mħarrek kien ħalaq fih aspettattiva li l-permess mitlub kien se jintlaqa' u li, fuq is-saħħa ta' dik l-istennija, kienu seħħew rabtiet ma' terzi u nfieq biex dak li ntalab ikun jista' jseħħ. Aktar u aktar kellu x'jaħseb li l-permess se jinħareġ, meta l-istess Kummissarju ma oġġezzjonax li l-attur iwaqqaf *information booth* fid-daħla tal-Belt f'Settembru, 2012, ħalli jirriklama l-attivita` taċ-ċirku li kien beħsiebu jtella' fil-parkeġġ fuq il-Fosos tal-Furjana. L-attur jgħid li dik l-istennija ntemmet ħesrem meta, ftit ġimgħat wara, il-Kummissarju mħarrek ċaħadlu t-talba li jtella' l-attivita` fl-imsemmi sit. L-attur jgħid li, sakemm inħareġ ir-rifjut, il-Kummissarju baqa' jitlob mingħandu dokumenti u kunsensi ta' entitajiet oħrajn rilevanti. Jgħid li b'dan il-mod inħolqot relazzjoni kontrattwali bejnu u bejn il-Kummissarju li kienet imxiet 'il quddiem fuq il-ħwejjeġ essenzjali tan-negozju ġuridiku rilevanti. Jisħaq li mhux biss daħal f'negozju kontrattwali mal-aġenti barra minn Malta, iżda daħal f'ħafna nfieq ieħor li nġab fix-xejn hekk kif l-imħarrek ma ħariġlux il-permess. Għaldaqstant għandu l-jedd li jiġi kumpensat għalihom;

Illi, f'dan ir-rigward, u bla ħsara għal dak li se jingħad aktar 'il quddiem dwar in-natura vera tal-azzjoni attriċi, ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba ġejjin minn dik li l-attur iqis li hija rabta pre-kontrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[36]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-

---

[33] Dok "SJ", f'paġ. 262 tal-proċess
[34] Xhieda tiegħu f'paġ. 265 tal-proċess
[35] Dok. "H" f'paġ. 23 tal-proċess
[36] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)

nuqqas[37], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[38];

Illi biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tal-pretensjoni tal-attur, jeħtieġ li qabel kull ħaġa oħra tqis jekk tabilħaqq bejnu u bejn l-Kummissarju mħarrek tnissletx relazzjoni kontrattwali jew pre-kontrattwali. Fi kliem l-attur, din ir-relazzjoni tnisslet bid-diskussjonijiet u/jew laqgħat li seħħew fil-preżenza ta' xulxin, bil-Kummissarju jitlob tagħrif mingħand l-attur, u bil-ħruġ ta' permess biex l-attur seta' jtella' *information booth* f'Bieb il-Belt, u jirreklama l-attivita` li kien fi ħsiebu jtella' fil-parkeġġ ta' fuq il-Fosos tal-Furjana;

Illi kif ingħad mill-Qrati tagħna, il-kawża tal-obbligazzjoni fis-sistema ġuridiku Malti tinbena jew fuq ir-rabta kuntrattwali jew fuq l-għemil delittwali. Biex tinħoloq ir-rabta kuntrattwali jeħtieġ, fost l-oħrajn, il-prova tal-element tal-kunsens jew rieda tal-partijiet, liema kunsens irid ikun marbut mar-rieda attiva li jkun hemm irbit jew kuntratt. Is-sistema Malti huwa għaldaqstant mibni fuq is-sistema soġġettiv tal-partijiet. Madankollu, ġie aċċettat ukoll li, minkejja li ma jkunx intlaħaq ftehim, parti tista' b'bona fidi tidħol fi spejjeż bl-aspettattiva ta' ftehim li jkun inħoloq bejn żewġ partijiet. Fejn il-parti l-oħra terġa' lura bla ebda raġuni tajba, ukoll jekk mhux b'qerq, wara li n-negozjati jkunu missew l-elementi essenzjali tan-negozju diskuss, il-parti li tkun imxiet fuq dik l-aspettattiva u daħlet fi spejjeż ikollha d-dritt titlob il-ħlas tad-danni mġarrba[39];

Illi applikati dawn il-prinċipju għal dan il-każ, mill-provi li tressqu quddiemha, din il-Qorti ssib li qajla jista' jingħad li bejn l-attur u l-Kummissarju mħarrek kien hemm xi sura ta' ftehim jew tal-anqas negozjat li seta' qatt inissel rabta kuntrattwali. Jekk inhu hekk, tkun ħaġa aktar iebsa li wieħed jitkellem dwar rabta pre-kuntrattwali, għaliex dak li kellu jsir bejn l-attur u l-imħarrek ma kienx maħsub li joħloq rabta kuntrattwali bejniethom. Li joħroġ biċ-ċar mill-atti huwa li l-attur talab mingħand l-Kummissarju mħarrek permess sabiex ikun jista' jtella' attivita` kummerċjali li l-istess imħarrek ma kien se jkollu l-ebda sehem fiha u wisq anqas ma kien se jieħu xi benefiċċju jew qligħ għalih minnha. Filwaqt li, fil-prinċipju, il-Kummissarju ma kellu ebda oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess mitlub, kien għarraf lill-attur sa mill-bidunett li l-ħruġ tiegħu kien soġġett għal kunsens jew '*clearance*' minn għadd ta' entitajiet pubbliċi. Dan kien ifisser li, mingħajr tali '*clearance*', il-permess ma setax jinħareġ;

Illi ħareġ ukoll li din il-kundizzjoni nġiebet għall-attenzjoni tal-attur mhux biss mill-Kummissarju mħarrek iżda wkoll mill-Kunsill Lokali tal-Furjana,

---

[37] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[38] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[39] P.A. NVA **3.4.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Elia Grixti vs Mark Grech et*** (mhix pubblikata)

l-ewwel entita` li l-attur kellu kuntatt magħha fuq dan il-proġett, u ttenniet mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta meta talab il-permess biex jitħalla jarma l-*information booth* f'Bieb il-Belt;

Illi, minbarra dan kollu, ukoll kieku wieħed kellu jasal biex jgħid li kien hemm xi għamla ta' rabta pre-kuntrattwali, il-provi mressqa juru li l-imħarrek ma reġax lura minn xi rabta bla raġuni jew b'mod kapriċċuż. Għall-kuntrarju, il-provi juru li, fejn kien fis-setgħat tiegħu li joħroġ il-permess mitlub mill-attur, dan wettqu u għamlu fl-aqsar żmien, tant li l-attur innifsu xehed li (meta huwa talab li jitħalla jarma ċ-ċirku f'post ieħor) "b'kollox il-Pulizija kienu ħafna ħafna effiċjenti fiha din"[40]. Jidher li n-nuqqas ta' ħruġ tal-permess mitlub biex iċ-ċirku jintrama fuq il-Fosos fil-Furjana kien ġej miċ-ċaħda tal-kunsens min-naħa tal-Awtorita`, li b'xi mod, waslet sabiex il-Kabinett tal-Ministri joħroġ "*policy*" kontra ż-żamma ta' ċirki jew spettakli bħalhom f'dawk l-imkien;

Illi, min-naħa l-oħra kif mistenni, l-attur kien għaddej f'diskussjonijiet u negozjati mar-rappreżentanti barranin taċ-Ċirku, bi tħejjija għall-wasla tagħhom f'Malta, fi stadju li ma kienx għad għandu permess f'idejh. L-attur jisħaq li l-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Belt awtorizzah itella' *information booth* li minnha seta' jirriklama l-attivita` taċ-ċirku, nissel fih 'aspettattivi leġittimi' li l-permess kien se jinħariġlu bħalma nħareġ fis-snin ta' qabel;

Illi l-qrati tagħna qiesu li aspettattiva leġittima toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri kemm-il darba jkun ippruvat li l-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha l-parti kellha jedd għaliha[41]. Fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv, dan il-kunċett jidħol fil-qalba tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, u għaldaqstant jintrabat mal-proċess amministrattiv li jsir (jew jonqos li jsir) sa ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva. Jidħol ukoll f'dik li bnadi oħra tissejjaħ "iċ-ċertezza tad-dritt" meta wieħed jiġi biex ikejjel ix-xiber li bih xi deċiżjoni tkun ittieħdet f'kull każ li jixbhu. Mela, fil-qies magħmul minn qorti fi stħarriġ ta' deċiżjoni bħal dik, il-kwestjoni tal-aspettattiva leġittima taf ikollha siwi ewlieni;

Illi f'dan ir-rigward inkiteb li "*Where some boon or benefit has been promised by an official (or has been regularly granted by the official in similar circumstances), that boon or benefit may be legitimately expected by those who have placed their trust in the promises of the official. It would be unfair to dash those expectations without at least granting the persons affected an opportunity to show the official why his discretion should be exercised in a way that fulfils his expectation. Hence there has developed a doctrine of the protection of legitimate expectations primarily in the context of natural justice. .. .. The doctrine is a*

[40] Xhieda tiegħu f'paġ. 264 tal-proċess

[41] Ara per eżempju P.A. (Kost) **28.11.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Żerafa et vs Emanuel Ċilia et***; App. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Debono Ltd et vs MEPA et***

*welcome addition to the armoury of the courts in ensuring that discretions are exercised fairly. .. .. The phrase 'legitimate expectations' .. must not be allowed to collapse into an inchoate justification for judicial intervention*"[42];

Illi ingħad ukoll li "*a further and more satisfactory reason for the protection of legitimate expectations lies in the trust that has been reposed by the citizen in what he has been told or led to believe by the official. Good government depends upon trust between the governed and the governor. Unless that trust is sustained and protected, officials will not be believed and government becomes a choice between chaos and coercion*"[43]. Dan il-kliem meqjus u għaqli jitfa' fil-qafas xieraq il-pretensjonijiet tal-attur f'dan il-każ, u dan minkejja li huwa ma ressaqx il-kawża tiegħu fuq il-binarji tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv;

Illi biex aspettattiva tkun waħda leġittima jeħtieġ li jintwera li jkollha kwalitajiet partikolari li jintitolawha tgawdi mill-ħarsien tal-Qorti. Kwalita` ewlenija li jrid ikollha hi li trid tkun ċara, inekwivoka u nieqsa mill-ambigwita`. Trid ukoll li tkun imsejsa fuq wegħda jew prattika ta' awtorita` pubblika li tista' twettaqha hi u mhux ħaddieħor. Kull aspettattiva, biex tkun leġittima, ma tridx tkun kontra xi kliem jew dispożizzjoni ta' xi liġi fis-seħħ. Aspettattiva li titnissel minn tħaddim ta' politika ('*policy*') amministrattiva partikolari, tibqa' tiswa sakemm ma titħabbarx kif imiss politika oħra minflokha li tibdilha jew tħassarha. L-aspettattiva leġittima taf titnissel minn bosta għejjun u m'għandux jitħalla li tiċċaħħad minħabba tifsir artifiċjali ta' dawk l-għejjun. Biex aspettattiva tkun leġittima, u minħabba li tissejjes fuq il-fiduċja taċ-ċittadin fit-treġija pubblika, min-naħa tiegħu ċ-ċittadin li jippretendi favurih dik l-aspettattiva jrid iġib ruħu b'ħaqq mal-istess awtorita` u ma jżomm xejn mistur minnha. Iżda aspettattiva ma tistax tkun 'leġittima' jekk it-twettiq tagħha jitlob li min jieħu d-deċiżjoni jagħmel dan bi ksur tal-liġi;

Illi l-Qorti ma tistax tara kif il-kunsens li l-attur ġab mingħand il-Kunsill Lokali tal-Belt li jirriklama attivita` kummerċjali setgħet nisslet fih aspettattiva għall-ħruġ awtomatiku sussegwenti min-naħa tal-Kummissarju mħarrek ta' permess biex itella' l-istess attivita`, meta l-ħruġ tal-permess mill-Kummissarju mħarrek kien dejjem marbut ma' kundizzjoni li ma kinetx tiddependi minnu. Minbarra dan, il-Kummissarju mħarrek, filwaqt li b'xi mod seta' ma qabilx maż-żamma ta' kunsens tal-Awtorita` li oġġezzjonat għall-permess ta' ċirku fix-Xagħra tal-Furjana, ma setax imur kontra l-politika maħruġa mill-Kabinett tal-Ministri u jagħti dak il-permess bi ksur ta' dik il-politika;

[42] HWR Wade & CF Forsyth <u>*Administrative Law*</u> (11th Edit, 2014) pġ. 450
[43] *Ibid.* pġ. 451

Illi din il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll x'kellha xi tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat sewwasew dwar il-każ tal-attur, u b'mod partikolari, dwar ir-raġonevolezza tal-imġiba tal-Kummissarju mħarrek fiċ-ċaħda tal-permess mitlub mill-attur u fil-fatt li, qabel dik iċ-ċaħda, kien ingħata permess lill-attur li jtella' l-*information booth* biex jirreklama l-attivita`. Dawk il-fehmiet tal-imsemmija Qorti juru li, wkoll fil-qafas ta' xi responsabbilta` pre-kuntrattwali li l-attur seta' ra, il-Kummissarju mħarrek ma reġax lura minn xi kelma li kien ta lill-attur b'mod kapriċċuż: b'hekk jonqos element kostitutiv ewlieni fit-tnissil ta' xi responsabbilta` għad-danni min-naħa tiegħu;

Illi ladarba l-attur naqas li jipprova li kien hemm ftehim jew negozjati bejnu u bejn il-Kummissarju mħarrek, li ħolqu fih aspettattiva leġittima li jingħata permess, il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi;

Illi ladarba t-talbiet attriċi l-oħra huma konsegwenzjali għall-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, il-Qorti sejra tiċħadhom ukoll. Tgħid biss li, fir-rigward tad-danni li l-attur jgħid li ġarrab, l-attivita` li għaliha kien applika saret xorta waħda fil-jiem kollha li dwarhom kien applika għall-ħruġ tal-permess (għalkemm inżammet band'oħra mhux 'il bogħod minn fejn kien talab li ssir u wara għażla li saret mill-istess organiżżaturi), filwaqt li naqas li jressaq provi dwar id-danni li jippretendi li l-imħarrek kellu jagħmel tajjeb għalihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** bħala mhux mistħoqqa;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħra** billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-Kummissarju mħarrek; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

# 17 ta’ Ġunju, 2021